# 142. Lill-Fabbrika tal-Ilbies

Imbierka int, ja Fabbrika tal-Ilbies
li tielgħa ġdida l-Fleur-de-Lys;
itla’ malajr, u inseġ mingħajr qies
u esporta d-drapp il-ġdid mill-aktar fis.

Itla’ malajr, u ħaddem ħafna nies
fl-insiġ u fit-trasport, fis-sarr; u qis
li sidek ikun ġust u mhux għakkies,
li jżomm ftehim u sliem mingħajr tnassis.

Imbierka int, ja Fabbrika tal-Ilbies,
li tlajt minflok id-dar fejn sid il-gwerra
il-għodod kien isinn li joqtlu n-nies.

Bewweġ u tar iż-żmien meta l-ħaddiem
irid jaħdem u jgħix bil-qerda u bl-herra;
illum Malta trid tgħix bl-għodod tas-sliem.